MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 42/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Nicholas Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nicholas Magro**, ta' disgha u ghoxrin (29), iben John u Lynn neé Camilleri, imwieled il-Pieta' nhar id-19 ta' Frar 1983, u residenti 108, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 217183(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer,

nhar id-29 ta' Gunju 2010, fi Triq il-Marfa, Mellieha, ghal habta tal-hamsa u hamsa u ghoxrin minuta ta' filghaxija (17:25hrs):

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq jew kellu kontrol tal-vettura NIC 283 tal-ghamla Audi, kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Shannon Cassar u Maria Mamo;
2. saq vettura ta' ghamla Audi, li ghandha numru tar-registrazzjoni NIC 283 b'majiera traskurata u perikoluza;
3. saq l-istess vettura b'velocita' eccessiva.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat mil-licenzja/i tas-sewqan kollha tieghu ghal perjodu illi jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-atti tal-inkjesta magisterjali ezebiti fl-atti processwali.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JG 1" – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 20).

Semghet lill-uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (pero ta' sewqan b'manjiera traskurata **BISS**) u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lid-difiza teccepixxi l-preskrizzjoni fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni fejn issir riferenza ghall-sewqan b'manjiera perikoluza u semghetha tiddikjara li hija kienet qed tirrimetti l-pozizzjoni taghha fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li huwa ammetta ghalihom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta li huwa hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (pero ta' sewqan b'manjiera traskurata **BISS**) u ghaldaqstant dawn jirrizultaw sodisfacentement pruvati.

Illi, mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'manjiera perikoluza u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minn dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn huwa gie akkuzat li kien qed isuq b'manjiera perikoluza.

Illi, fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, jirrizulta li tali eccezzjoni ghandha tigi akkolta.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "SG 3" – *a fol.* 11) u l-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-uhud mill-imputazzjonijiet addebitati kontra tieghu qabel ma nstemghu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza bil-ghan li jaghraf li dak li huwa ghamel kien hazin hafna bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat minn dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni fejn huwa gie akkuzat li kien qed isuq b'manjiera perikoluza, tiddikjara t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat bhala wahda preskritta u konsegwentement estinta u, wara li rat Artikoli 225(1) u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Nicholas Magro hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni [ta' sewqan b'manjiera traskurata **BISS**) migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta'

tlitt (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' sitt (6) gimghat li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€ 2658.54) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti fl-Inkjesta Magisterjali ezebita fl-atti processwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------